**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 30 ta' Marzu, 2019

**Il-Pulizija**
(**Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Omissis**
**Anastasia Galea, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 500601L**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Omissis u **Anastasia Galea** u cioe` talli:

Nhar id-29 ta' Marzu 2019 ghall-habta ta' bekn id-9:00 hrs u 11:30hrs, waqt li kienu fi Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola:

B'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi, maghmula b'rizoluzzjoni wahda-

Ikkomettew serq ta' hwejjeg u affarijiet parafernali mill-hwienet Eurosport li jinsab fi Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, ghad-dannu tal-kumpanija Eurosport u Donna Sammut, il-hanut Debenhams li jinsab fil-kumpless

Mainstreet sitwat fi Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, ghad-dannu ta' Debenhams Ltd. u Hailey Ciantar u mill-hanut Bagsworld sitwat ukoll fi Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, ghad-dannu ta'MUY Ltd., u dan ghal valur ta' €352.60 liema serq hu aggravat bil-valur u dan bi ksur tal-artikoli 18, 261(c) u 267 tal-Kodici Kriminali;

Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal €31 ghad-dannu ta' Debenhams Ltd. u Hailey Ciantar u dan bi ksur tal-artikoli 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hi nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet setghet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija; tal-fedina penali netta taghha, l-eta` taghha, tal-ammissjoni ferm bikrija taghha w tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 37(2), 261(c), 267, 279(a) u 325(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, u bl-applikazzjoni

tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn millum, u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni fuqha impost.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**